MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2003

Numru 967/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR MARIO TONNA**

**VS**

**MASSIMO GILIBERTI**

**Illum 19 ta' Frar 2003.**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Massimo Giliberti ta' 20 sena imwieled Pieta' nhar it-22 ta' Lulju 1982 bin Salvinu u Doris nee' Arapa residenti gewwa 67, Triq Sant Anglu, Sliema u detentur ta' Karta ta' l-Identita' numru 401382m;

Talli nhar it-23 ta' Novembru 2002 ghall-habta ta' 23.40pm gewwa Triq San Gorg Paceville, San Giljan;

1. Attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti u cioe' fuq il-persuni ta' PS 547 M. Agius;

2. U aktar talli taht l-istess lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxi jew ibezzgha fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuni ta' PS 547 M. Agius u PC 678;

3. U aktar talli ikkaguna griehi hfief fuq il-persuna ta' PS 547 M. Agius bhala ufficjal pubbliku tal-Korp tal-Pulizija skond kif iccertifikaw Dr. Kevin Zammit MD ta' l-Isptar San Luqa;

4. U aktar talli ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija taht l-istess lok u cirkostanzi mill-istess ufficjali tal-Pulizija msemmija hawn fuq;

5. U aktar talli taht l-istess hin, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

6. U aktar talli that l-istess lok, cirkostanzi u hin involontarjament hassar jew kisser, jew gharraq arlogg tal-ghamla Seiko, ghad-dannu ta' PS 547 M. Agius;

Wara illi rat l-Artikoli 95, 96, 221, 338(ee), 338 (dd), 328 (d) u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-imputat, ma' thalli ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti, hlief li ssibu hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzzjoni.

Ghar-rigward tal-piena, din il-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, qeghda tikkundanna lill-istess imputat, ghall-multa ta' tlett mitt lira maltin (Lm300), b'sena (1) zmien ghall-hlas.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

--------------------------------TMIEM--------------------------------